MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 1/2003

**George u June Stafrace**

**vs**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Dicembru, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-9 ta' Mejju 2002 fejn ir-rikorrenti talbu li ma jhallsux is-somma ta' seba' mija tmienja u sittin Liri Maltin (Lm768) rapprezentanti leakage tal-ilma li l-istess korporazzjoni ma qalux lill-istess rikorrenti.

L-intimatipprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:-

1. Ir-rikorrenti kellhom leakage tal-ilma u l-kontijiet tal-ilma kienu jigu gholjin hafna. Minkejja li ghamlu diversi complaints xorta baqghat tigi l-istess rata. Sa fl-ahhar indunaw x'kien id-difett u rrangawh u l-ilma gie ghan-normal.

2. L-intimat issottometta illi l-obbligu tal-korporazzjoni huwa l-main sal-meter u jekk mill-meter sa gewwa hemm xi difett, mhux responsabbli hu.

3. It-Tribunal wara li sema' l-partijiet jinnota li minkejja li gew diversi haddiema tal-W.S.C. biex isewwu l-allegat difett, ma ndunawx x'kien hemm difettuz.

Ghal dawn il-motivi:-

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lir-rikorrenti li mill-kont ta' seba mija tmienja u sittin Liri Maltin (Lm768), ghandu jhallas biss mitejn Liri Maltin (Lm200) bl-ispejjes supportati ugwalment bejn il-partijiet."

Minn din is-sentenza appellat il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma bl-aggravji li sintetikament jikkonsistu fil-kritika illi t-Tribunal ma hax in konsiderazzjoni l-fatt espost minnha illi hi kienet diga` rreduciet sostanzjalment l-ammont originarjament pretiz minghand l-appellati. Tissottometti wkoll illi t-Tribunal ma tax ragunijiet ghaliex is-sottomissjoni taghha ma gietx milqugha.

L-appellati ma wiegbux bil-miktub ghal dawn l-aggravji pero` fl-ewwel okkazjoni quddiem din il-Qorti huma

ssollevaw l-eccezjoni tal-irritwalita` tal-appell in bazi ghal dak stabbilit fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 378.

L-artikolu msemmi jipprovdi illi appell lil din il-Qorti minn decizjoni tat-Tribunal ghall-Affarijiet tal-Konsumatur jista' jsir biss meta dan it-Tribunal "ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella".

Ghall-pregudizzjali hekk sollevata mill-appellati l-Korporazzjoni appellanti rribattiet fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti illi d-decizjoni tat-Tribunal kienet tikser id-drittijiet taghha tal-gustizzja naturali oltre li kienet tippregudikaha b'mod gravi, proprju skond il-vot tal-precitat dispost tal-ligi. In effetti f'dan il-kuntest tirreferi ghad-decizjoni fl-ismijiet "**Rose Loftus et –vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co. Ltd)**", Appell, Sede Inferjuri, 9 ta' Lulju 1999 (Vol LXXXIII pII, Sez.II pag 53).

Issa tajjeb li qabel xejn jigi rilevat illi fl-imsemmija decizjoni ma kienet giet sollevata l-ebda eccezzjoni tal-irritwalita` bhal ma hekk sar f'dan l-appell. Tajjeb ukoll li jigi denotat illi fir-rikors tal-appell il-Korporazzjoni appellanti lanqas ma qajmet in-nullita tas-sentenza minhabba li l-motivazzjoni kienet tiddifetta jew li ma kienx hemm "rabta logika bejn il-motivazzjoni u d-decizjoni" jew li "tali rabta tkun tirrizulta kontradittorja jew non-konsegwenzjali", kif hekk proprju gie ravvisat fil-precitata sentenza. Minn dan kollu ma nsibu xejn. Anzi l-pretiza tal-Korporazzjoni appellanti hi dik semplici ta' riforma jew modifika tas-sentenza appellata.

Hi allura l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-aggravji ma jinkwadrawx ruhhom fil-parametri limitati u stretti fejn hu konsentit appell lil din il-Qorti minn decizjoni tat-Tribunal. Infatti ma hemm xejn x'juri fid-decizjoni jew fl-atti tal-process illi d-decizjoni kienet tmur kontra d-dettami tal-gustizzja naturali. U allura, kif kaptat mis-sentenza fl-ismijiet "**Charles Sultana et –vs- A.C.K. Ltd**", Appell, Sede Inferjuri, 27 ta' Ottubru 2000, "una volta ma jirrizultax li kien hemm ksur tal-principju tal-gustizzja naturali fis-smiegh tal-kaz – pregudizzju dan li minn natura

tieghu kellu jkun wiehed procedurali u mhux sostanzjali – ma kienx il-kaz li din il-Qorti tiddiskuti l-gravita tal-pregudizzju ghax dan kien mill-atti eskluz”.

Jidher in effetti li t-Tribunal ghamel apprezzament tal-provi prodotti mill-kontendenti u li, tajjeb jew hazin, fuq il-bazi ta’ dawn il-provi, wasal ghall-konkluzjoni li fil-fehma tieghu kien hemm cirkostanzi li kienu jimmitigaw favur l-appellati l-ammont reklamat minnhom ghal konsum tal-ilma. Jigi ri-affermat illi “d-dritt ta’ appell f’kazijiet decizi mit-Tribunal ghall-Affarijiet tal-Konsumatur mhux estizi ghall-konsiderazzjonijiet ta’ fatt” –“**Grazio Cassar et –vs- Edgar Camilleri – Soap & Sponge Ltd**”, Appell, Sede Inferjuri, 3 ta’ Dicembru 1999.

Tajjeb ukoll li ma jigix minsi illi skond it-termini tal-Artikolu 21 ta’ l-Att XXVIII ta’ l-1994 il-konsiderazzjonijiet ta’ fatt kienu jimportaw ukoll ezercizzju ta’ ekwita` fil-mansjoni tat-Tribunal. Konsegwentement, konsiderat il-limitazzjoni tal-ligi kif fuq imsemmi, mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-bazi tal-apprezzament li ghamel it-Tribunal fil-kaz ‘de quo’ u allura l-konkluzjoni tieghu fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza tat-Tribunal konfermata, bl-ispejjez ta’ din il-procedura jithallsu mill-Korporazzjoni appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------